

Brussell, 22 ta' Frar 2019
(OR. en)

6549/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0385(COD)**

**CODEC 465
ENER 85
CLIMA 57
ENV 160
TRANS 118
ECOFIN 180
RECH 100
PREP-BXT 58**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-emendar tad-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija u r-Regolament (UE) 2018/1999 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika, minħabba l-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fl-14 ta' Novembru 2018 il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq¹, ibbażata fuq l-Artikoli 192(1) u 194(2) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Jannar 2019².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.

¹ 14336/18.

² Għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-14 ta' Frar 2019. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għaldaqstant mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 19/19, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att legiſlattiv ikun adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u l-President tal-Kunsill, l-att legiſlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 6226/19.